

P9\_TA(2021)0358

## Rieżami tal-qafas leġislattiv makroekonomiku

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2021 dwar ir-rieżami tal-qafas leġislattiv makroekonomiku għal impatt aħjar fuq l-ekonomija reali tal-Ewropa u trasparenza aħjar tat-teħid ta' deċiżjonijiet u tal-akkontabbiltà demokratika (2020/2075(INI))**

(2022/C 99/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, iffirmit f'Ruma fl-1957,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 121, 122, 126 u 136 u l-Protokoll Nru 12 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali: rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri u l-inizjattivi li għandhom jittieħdu (rapport ta' nofs il-perjodu) <sup>(1)</sup> u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali: rakkomandazzjonijiet rigward il-miżuri u l-inizjattivi li għandhom jittieħdu <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-reqwiziti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1173/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1174/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fiż-żona tal-euro <sup>(5)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1175/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi <sup>(7)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1177/2011 tat-8 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv <sup>(8)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom <sup>(9)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 19.

<sup>(2)</sup> ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 140.

<sup>(3)</sup> ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41.

<sup>(4)</sup> ĠU L 306, 23.11.2011, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 306, 23.11.2011, p. 8.

<sup>(6)</sup> ĠU L 306, 23.11.2011, p. 12.

<sup>(7)</sup> ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

<sup>(8)</sup> ĠU L 306, 23.11.2011, p. 33.

<sup>(9)</sup> ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1.

**Il-Ħamis 8 ta' Lulju 2021**

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro <sup>(10)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2015 dwar ir-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika: analiżi u sfidi <sup>(11)</sup>,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Frar 2015 bit-titolu "Nagħmlu l-aħjar użu tal-flessibbiltà fl-ambitu tar-regoli eżistenti dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir" (COM(2015)0012/2),
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Erba' Presidenti tal-5 ta' Diċembru 2012 bit-titolu "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina", ir-Rapport tal-Ħames Presidenti tat-22 ta' Ġunju 2015 dwar l-ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa, il-White Paper tal-Kummissjoni tal-1 ta' Marzu 2017 dwar il-futur tal-Ewropa, u d-dokument ta' riflessjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Mejju 2017 dwar l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 03/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Awditu tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP)",
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew <sup>(12)</sup>,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2020 bit-titolu "Rieżami tal-governanza ekonomika" (COM(2020)0055),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Rispons ekonomiku kkoordinat għat-tifqigħa tal-COVID-19" (COM(2020)0112),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Marzu 2020 dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (COM(2020)0123),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss" (COM(2020)0456),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Il-baġit tal-UE jmexxi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa" (COM(2020)0442),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2020 għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea insostenn tal-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19 (COM(2020)0441),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 <sup>(13)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 16/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Is-Semestru Ewropew – ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi jindirizzaw problemi importanti iżda jeħtieġu implimentazzjoni aħjar",
- wara li kkunsidra l-valutazzjoni tal-Bord Fiskali Ewropew (EFB) tar-regoli fiskali tal-UE b'enfasi fuq il-leġiżlazzjoni tas-six-pack u tat-two-pack tal-11 ta' Settembru 2019, ir-rapport annwali tal-EFB tad-29 ta' Ottubru 2019, id-dikjarazzjoni tal-EFB tal-24 ta' Marzu 2020 dwar il-COVID-19, il-valutazzjoni tal-EFB tal-1 ta' Lulju 2020 tal-pożizzjoni fiskali xierqa għaż-żona tal-euro fl-2021 u r-rapport annwali tal-2020 tal-EFB tal-20 ta' Ottubru 2020,

<sup>(10)</sup> ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11.

<sup>(11)</sup> ĠU C 407, 4.11.2016, p. 86.

<sup>(12)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0005.

<sup>(13)</sup> ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13.

## Il-Ħamis 8 ta' Lulju 2021

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2020 dwar il-QFP u n-NextGenerationEU, il-COVID-19, it-tibdil fil-klima, is-sigurtà u r-relazzjonijiet esterni,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar ir-riżorsi proprji l-ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda <sup>(14)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha <sup>(15)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Mejju 2020 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, ir-riżorsi proprji u l-pjan ta' rkupru <sup>(16)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19 <sup>(17)</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Lulju 2020,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Lulju 2020 dwar il-konklużjonijiet tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew tas-17-21 ta' Lulju 2020 <sup>(18)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Istrateġija Annwali għall-Iżvilupp Sostenibbli 2021 tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2020 (COM(2020)0575),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2020 dwar l-abbozz għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea <sup>(19)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Novembru 2020 dwar il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli – Kif niffinanzjaw il-Patt Ekoloġiku <sup>(20)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza <sup>(21)</sup>,
- wara li kkunsidra t-Tbassir Ekonomiku Ewropew tal-Kummissjoni: Xitwa 2021 (Dokument Istituzzjonali 144) ta' Frar 2021,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2021 bit-titolu “Sena mit-tifqigħa tal-COVID-19: rispons tal-politika fiskali” (COM(2021)0105),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2020 bit-titolu “Rieżami tal-governanza ekonomika – Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1173/2011, 1174/2011, 1175/2011, 1176/2011, 1177/2011, 472/2013 u 473/2013 dwar l-idoneità tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE” (COM(2020)0055),
- wara li kkunsidra t-Tbassir Ekonomiku Ewropew tal-Kummissjoni: Rebbiegħa 2021 (Dokument Istituzzjonali 149) ta' Mejju 2021,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ġunju 2021 bit-titolu “Il-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika fl-2021: biex tingħeleb il-COVID-19, ikun appoġġat l-irkupru u tkun modernizzata l-ekonomija tagħna” (COM(2021)0500),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A9-0212/2021),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regolament ta' Proċedura tiegħu,

<sup>(14)</sup> ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

<sup>(15)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0054.

<sup>(16)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0124.

<sup>(17)</sup> ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1.

<sup>(18)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0206.

<sup>(19)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0220.

<sup>(20)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0305.

<sup>(21)</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

**Il-Ħamis 8 ta' Lulju 2021**

- A. billi matul dawn l-aħħar 30 sena l-qafas tal-governanza ekonomika għadda minn għadd ta' bidliet biex jiġu indirizzati d-difetti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tiegħu u biex jiġi adattat għal sfidi ekonomiċi ġodda;
- B. billi l-qafas ta' governanza attwali jippreżenta dgħufijiet kunċettwali u prattiċi li jwasslu għal regoli kumplessi żżejjed, infurzar dgħajfef, nuqqas ta' sjieda u nuqqas ta' iċentivi biex jiġu segwiti politiki simetriċi kontroċikliċi; billi l-qafas attwali ma rnexxilux inaqqas id-diverġenzi fi ħdan l-UE u lanqas jipproteġi jew jistimula l-investment pubbliku li jsaħħaħ it-tkabbir;
- C. billi wara l-kriżi finanzjarja globali, ir-riformi suċċessivi tal-UEM iffokaw fuq it-tnaqqis tar-riskju iżda ma introduċewx elementi ta' kondiviżjoni tar-riskju;
- D. billi l-programmi ta' aġġustament makroekonomiku ppreżentaw nuqqas ta' sjieda nazzjonali u ħallew dannu fuq in-nisġa soċjali tal-pajjiżi li implimentawhom;
- E. billi fl-2015 il-Kummissjoni adottat gwida dwar l-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir biex tissaħħaħ ir-rabta bejn ir-riformi strutturali, l-investment u r-responsabbiltà fiskali;
- F. billi l-Unjoni Ewropea qed tħabbat wiċċha ma' diversi sfidi fuq terminu twil: kriżi tas-saħħa pubblika, kriżi klimatika u nuqqas ta' investment fl-infrastruttura pubblika, li qed jaggravaw id-disparitajiet soċjoekonomiċi;
- G. billi l-isfida taż-żewġ tranżizzjonijiet tirrikjedi investment pubbliku addizzjonali, li huwa mfixkel fil-qafas fiskali attwali; billi kemm l-investment fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat kien diġà insuffiċjenti qabel il-kriżi, minkejja rati tal-imgħax storikament baxxi;
- H. billi l-investment pubbliku gross tnaqqas wara l-kriżi finanzjarja u tad-dejn sovrani, u f'hafta Stati Membri l-investment pubbliku nett huwa saħansitra negattiv, li jimplika li l-qafas fiskali attwali jwassal għal miżuri ta' konsolidazzjoni reċessivi eċċessivi u jiffaċilita t-tnaqqis tal-investment pubbliku matul il-perjodi ta' konsolidazzjoni fiskali;
- I. billi hemm diskrepanzi sinifikanti fil-finanzjament tal-investment li għandhom jiġu indirizzati: EUR 470 biljun fis-sena sal-2030 biex jintlaħqu l-oġġettivi ambjentali tal-UE<sup>(22)</sup>, EUR 142 biljun fis-sena għall-infrastruttura soċjali bħal sptarjiet jew skejtel<sup>(23)</sup>, u EUR 190 biljun fis-sena biex jiġi stabbilizzat l-istokk tal-kapitali pubbliku<sup>(24)</sup>;
- J. billi l-livelli tad-dejn pubbliku fil-bidu tal-pandemija kienu għoljin, u billi r-reċessjoni ekonomika bla preċedent, il-miżuri fiskali nazzjonali bla preċedent li ttieħdu b'reazzjoni għall-pandemija u l-ħtieġa li jiġi appoġġat irkupru sostenibbli u inklużiv se jkollhom impatt fuq il-finanzi pubbliċi li se jwasslu biex il-proporzjon tad-dejn tal-UE mal-PDG jilħaq quċċata għida ta' aktar minn 100 % tal-PDG;
- K. billi s-sostenibbiltà ambjentali<sup>(25)</sup> u soċjali huma interkonnessi mas-sostenibbiltà fiskali fit-tul;
- L. billi l-pandemija qed tikkawża xokk eżoġenu bla preċedent b'impatti asimmetriċi kbar, b'piż negattiv fuq il-perspettiva ekonomika tal-UE u bi twessigħ fid-diverġenzi bejn l-Istati Membri;

<sup>(22)</sup> Il-Kummissjoni, "SWD(2020)0098 – Identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' rkupru tal-Ewropa", 27.5.2020, p. 14-16.

<sup>(23)</sup> Din l-istima tkopri biss is-saħħa u l-kura fit-tul (EUR 70 biljun), l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja (EUR 15-il biljun) u l-akkomodazzjoni affordabbli (EUR 57 biljun). Sors: Fransen, L., Bufalo, G., Reviglio, E., "Boosting Investment in Social Infrastructure in Europe – Report of the High-Level Task Force on Financing Social Infrastructure in Europe" (Tisħiħ tal-Investment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa – Rapport tat-Task Force ta' Livell Għoli dwar il-Finanzjament tal-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa), 2018, p. 116.

<sup>(24)</sup> Il-Kummissjoni, "SWD(2020)0098 – Identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' rkupru tal-Ewropa", 27.5.2020, p. 18-20.

<sup>(25)</sup> Extreme disaster tend to lower economic output (Diżastri estremi għandhom it-tendenza li jbaxxu l-output ekonomiku) (Botzen, Deschenes u Sanders, 2019); Il-FMI jbasar li diżastri maġġuri relatati mat-temp jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-PDG reali per capita u l-pajjiżi li huma mgħammra aħjar biex jindirizzaw id-diżastri naturali kbar jistgħu jtaffu l-impatt b'mod aktar faċli.

Il-Ħamis 8 ta' Lulju 2021

- M. billi l-pandemija amplifikat l-inugwaljanzi u l-faqar li kienu jeżistu qabel u wriet l-importanza tal-mudell soċjali Ewropew u tax-xbieki ta' sikurezza soċjali eżistenti tiegħu;
- N. billi, fl-Ewropa, il-previżjonijiet ekonomiċi <sup>(26)</sup> <sup>(27)</sup> juru rkupru inkomplet, irregolari u varjabbli; billi l-organizzazzjoni tad-distribuzzjoni ta' vaċċini qed taċċellera, u hemm riskji konsiderevoli ta' diverġenzi u inugwaljanzi aggravati bejn il-pajjiżi, is-sekturi u s-segmenti tas-soċjetà, b'mod partikolari fost il-ħaddiema żgħażaġh, in-nisa u l-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet;
- O. billi għad hemm riskji fit-tul ta' danni fuq l-ekonomija ta' ċerti Stati Membri, u għalhekk l-irtirar tal-appoġġ għandu jiġi kkomplementat b'miżuri li jiffaċilitaw il-ħolqien tal-impjiegi u r-riallokazzjoni, jiġifieri permezz ta' programmi ta' taħriġ mill-ġdid inkluż taħriġ mill-ġdid f'ħiliet ġodda, flimkien ma' appoġġ għall-introjt kif meħtieġ;
- P. billi r-riskji ġeopolitiċi jista' jkollhom impatti fuq is-sostenibbiltà tad-dejn sovrani;
- Q. billi l-appoġġ fiskali diskrezzjonarju varja fid-daqs u fil-kompożizzjoni fost l-Istati Membri, b'korrelazzjoni pożittiva ċara bejn l-ispazju fiskali u d-daqs tar-rispons ta' politika li wassal għal rispons asimmetriku, li jista' jgħaliq riskji ta' kundizzjonijiet mhux ekwi fis-suq intern u ta' differenzi akbar fil-ħeffa tal-irkupru;
- R. billi r-rispons tal-UE għall-kriżi <sup>(28)</sup> saħħa l-UEM u, s'issa, irnexxielu jgħaliq fiduċja u kunfidenza, biex b'hekk ikkontrolla l-volatilità tas-swieq finanzjarji; jissottolinja għal dan il-għan l-importanza tal-ħruġ ta' bonds tal-UE;
- S. billi fl-2020, il-Kummissjoni bdiet konsultazzjoni pubblika b'rieżami tal-effikaċja tal-qafas ta' governanza ekonomika li ġie interrott mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19;
1. Jistieden lill-Kummissjoni tnedi mill-ġdid id-dibattitu pubbliku dwar ir-rieżami tal-qafas tal-governanza ekonomika Ewropew u tressaq proposti leġiżlattivi, komprensivi u li jħarsu 'l quddiem bħala riżultat ta' dan ir-rieżami; jinnotta li r-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika ġie sospiż minħabba l-pandemija;

### **Politika fiskali lejn irkupru sostenibbli u inklużiv**

2. Jilqa' l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li hija ġġustifikata bis-sħiħ mill-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija; jinnotta li l-klawżola liberatorja ġenerali ma tissospendix il-proċeduri tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u jirrikonoxxi li se tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jieħdu l-miżuri ta' koordinazzjoni tal-politika meħtieġa fil-qafas tal-Patt filwaqt li jiddevjaw mir-rekwiżiti baġitarji li normalment japplikaw; jenfasisza li l-klawżola liberatorja ġenerali ppermettiet lill-Istati Membri jadottaw miżuri mdaqqsqa ħafna ta' nfiq u dħul biex jimminimizzaw l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija u li l-appoġġ fiskali għandu jitneħħa gradwalment sabiex jiġu appoġġati l-isforzi tal-Istati Membri biex isostnu l-irkupru u jsaħħu r-reżiljenza ekonomika u soċjali; jinnotta l-grad ta' flessibbiltà tal-qafas attwali għall-governanza ekonomika fir-rispons politiku kkoordinat għall-kriżi tal-COVID-19;
3. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2021 bil-kunsiderazzjonijiet proposti rigward id-diżattivazzjoni jew l-attivazzjoni kontinwa tal-klawżola liberatorja ġenerali; jinnotta li għandha titqies valutazzjoni ġenerali tal-istat tal-ekonomija, ibbażata primarjament fuq kriterji kwantitattivi; jaqbel li l-livell tal-attività ekonomika fl-UE jew fiż-żona tal-euro meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-kriżi se jkun il-kriterju ewlieni; jisħaq, madankollu, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza tal-evoluzzjoni tas-sitwazzjonijiet tas-saħħa, soċjali u ekonomiċi madwar l-UE u l-ekonomija taż-żona tal-euro; jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika li tindika li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir se tkompli tiġi applikata fl-2022 u hija mistennija li tiġi diżattivata mill-2023;

<sup>(26)</sup> It-Tbassir Ekonomiku għar-Rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni juri tnaqqis fl-2020 ta' -6,1% tal-PDG fl-UE u -6,6% tal-PDG fiż-żona tal-euro. It-tkabbir tal-PDG huwa mistenni li jirkupra bil-mod biss fit-terminu qasir b'4,2% fl-2021 u 4,4% fl-2022 fl-UE, u 4,3% fl-2021 u 4,4% fl-2022 fiż-żona tal-euro.

<sup>(27)</sup> World Economic Outlook: Managing Divergent Recoveries, (Perspettiva Ekonomika Globali: L-Immaniġġjar ta' Irkupri Divergentri) FMI (April 2021)

<sup>(28)</sup> B'mod partikolari permezz tal-Pakkett għall-Irkupru u l-istrument SURE.

**Il-Ħamis 8 ta' Lulju 2021**

4. Iqis li r-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika se jsir f'ċirkostanzi diffiċli, jiġifieri r-rati tal-imgħax baxxi, il-legati tad-dejn bla preċedent u fil-kuntest ta' pakkett kbir ta' rkupru fiskali li jikkonsisti f'għotjiet u self iffinanzjati mid-dejn tal-UE;
5. Huwa tal-fehma li r-reviżjoni tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE hija meħtieġa; jaqbel mal-Bord Fiskali Ewropew (EFB) dwar l-importanza li jkun hemm perkors ċar lejn qafas fiskali rieżaminat, preferibbilment qabel id-diżattivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali;
6. Huwa konxju li t-tnedija tar-rieżami wara d-diżattivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tagħmilha aktar diffiċli, kontroversjali u diviżiva; iqis, għalhekk, li għandu jkun hemm riflessjoni fuq ir-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika qabel ma r-ritorn possibbli tar-regoli fiskali jista' jidħol fis-seħħ;
7. Jinnota li fil-kuntest attwali, l-applikazzjoni tal-qafas fiskali attwali, b'mod partikolari l-perkorsi ta' aġġustament, twassal għal veloċità qawwija fit-tnaqqis tad-dejn li tista' timmina t-triq ta' rkupru tal-ekonomiji, u potenzjalment iddgħajjef l-impenn tal-Istati Membri biex jirrispettaw ir-regoli;
8. Jistieden lill-Kummissjoni ttiprovdi linji gwida ċari dwar il-politika fiskali għall-Istati Membri matul il-perjodu ta' attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u l-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju; ladarba l-klawżola liberatorja ġenerali tiġi diżattivata u filwaqt li qafas rieżaminat ma jkunx għadu fis-seħħ, jitlob l-użu tal-flessibbiltajiet eżistenti kollha previsti fil-qafas ta' governanza ekonomika attwali bħall-"klawżola dwar avveniment mhux tas-soltu" fuq bażi speċifika għall-pajjiż biex tiġi evitata l-konsolidazzjoni fiskali prematura u jiġu limitati r-riskji ta' danni fuq terminu twil;
9. Iqis li l-indikaturi ekonomiċi u l-perkorsi ta' aġġustament jeħtieġ li jiġu implimentati b'kawtela, u jitlob għalhekk li l-*Vade Mecum* u l-kodiċi ta' kondotta tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jiġu riveduti; jenfasizza li l-gwida fiskali għandha tevita preġudizzji proċikliċi, tippromwovi l-konverġenza 'l fuq, issaħħaħ irkupru sostenibbli, inklużiv, ekoloġiku u diġitali, billi tikkontribwixxi għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, tqies is-sitwazzjonijiet differenti fost l-Istati Membri u tiġieled l-iżbilanċi makroekonomiċi;
10. Iqis li s-self ta' NextGenerationEU għandu jiġi rreġistrat bħala dejn nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni, fl-aġġornamenti tal-linji gwida ta' implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, ttiprovdi lill-infiq iffinanzjat mis-self tan-NextGenerationEU bl-istess trattament bħal tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) fil-kuntest tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-flessibbiltà;
11. Jappella għal pożizzjoni fiskali espansjonarja kontinwa għat-tul ta' żmien meħtieġ biex jiġi appoġġat l-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 u jiġu xprunati l-bidliet trasformattivi li jagħmlu l-ekonomiji aktar ekoloġiċi, diġitali u inklużivi, filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju; iwissi kontra l-irtirar prematur tal-appoġġ u jaqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li l-politika fiskali għandha tibqa' aġli u taġġusta għas-sitwazzjoni li qed tevolve kif meħtieġ; iqis li l-miżuri ta' appoġġ fiskali għandhom isiru aktar immirati hekk kif l-irkupru jipprogressa; jappoġġa politiki li huma mfassla għall-istadju tal-pandemija, għat-triq lejn l-irkupru ekonomiku u għaċ-ċirkostanzi individwali tal-pajjiżi;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji kredibbli biex jitneħħew il-miżuri relatati mal-kriżi, filwaqt li ma tantuċipax trajettorji fiskali futuri;
13. Jinnota r-riskji ta' danni fit-tul fl-akkumulazzjoni tal-kapital u s-suq tax-xogħol minħabba l-pandemija, li jistgħu jxekklu l-ekonomija; jenfasizza li l-irkupru x'aktarx jibqa' jvarja u l-politika fiskali għandha tillimita d-danni u tnaqqas l-inugwaljanzi billi tappoġġa dawk is-segmenti tal-ekonomija u tas-soċjetà li huma friskju ogħla ta' diverġenza;
14. Jistieden lill-Istati Membri jinkorporaw l-appoġġ fiskali ta' kwalità għolja f'oqfsa kredibbli fuq terminu medju u jħejju pjanijiet robusti għall-politika fiskali fuq terminu medju biex jiżguraw li fejn ikunu meħtieġa miżuri fiskali espansjonarji, dawn ikunu appoġġati minn miżuri inklużivi u ta' tkabbir, u jiżguraw ir-rwol antiċikliku tal-politika fiskali filwaqt li jżommu f'moħħhom li l-miżuri ta' politika fiskali ta' emerġenza huma temporanji, limitati u mmirati biex jiżguraw is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju; jistieden lill-Istati Membri jimmonitorjaw ir-riskji fiskali, speċifikament

l-obbligazzjonijiet kontinġenti, kif xieraq; ifakkar fl-importanza dejjem akbar tal-monitoraġġ tar-riskji fiskali relatati mas-sostenibbiltà; jinnota li tali prattiki tajbin ta' ġestjoni finanzjarja pubblika jtejbju t-trasparenza u l-akkontabbiltà;

15. Jilqa' r-rispons immedjat u kkoordinat ta' politika ekonomika tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri mmirat li jevita żieda qawwija fl-insolvenzi korporattivi u fil-qgħad; jirrakkomanda li appoġġ aktar ġenerali jiġi sostitwit b'mod gradwali minn skemi aktar immirati biex jiġu limitati r-riskji ta' diffikultà u danni korporattivi; jirrakkomanda li l-appoġġ pubbliku jiġi ffokat biss fuq korporattivi li huma vijabbli fit-tul, fid-dawl tal-aġenda ekoloġika u diġitali tal-UE;

16. Jinnota li l-pożizzjoni fiskali fil-livell tal-Istati Membri, kif ukoll il-qafas makroekonomiku, kienu sikwit qegħdin jippromwovu politiki fiskali proċikliċi, kemm fi żminijiet tajbin kif ukoll fi żminijiet ħżiena, billi rispettivament f'xi perjodi naqsu milli jibnu buffers suffiċjenti, filwaqt li f'perjodi oħra l-ispazju fiskali ma ntużax b'mod suffiċjenti; jinnota wkoll li kien hemm korrelazzjoni pożittiva bejn l-Istati Membri li għandhom spazju fiskali u l-kapaċità tagħhom li jimmobilizzaw malajr pakketti ta' stimolu fiskali b'pass ħafna aktar mgħaġġel u mingħajr spejjeż ta' self assoċjati, li għen biex jittaffew l-effetti soċjoekonomiċi negattivi tal-pandemija;

17. Jissottolinja l-importanza tar-rwol tal-politiki fiskali sabiex l-Istati Membri jkunu ugwalment kapaċi li minn naħa waħda jiżguraw irkupru sostenibbli, ekoloġiku, diġitali u inklużiv, u min-naħa l-oħra, jiżguraw politiki fiskali sostenibbli u li d-dejn sovrani ikun sostenibbli fuq terminu twil;

18. Iqis li r-rispons fiskali Ewropew komuni (NGEU) huwa kruċjali għall-irkupru; jappella għal użu rapidu u effettiv tar-riżorsi min-NGEU b'rispett sħiħ tal-kriterji maqbuli, li se jkollhom rwol importanti fl-appoġġ tal-irkupru ekonomiku sostenibbli u inklużiv u biex tingħata spinta lill-produttività u l-investment madwar l-UE;

### **Rieżami tal-qafas leġiżlattiv markroekonomiku**

19. Jisħaq fuq l-interazzjoni inerenti bejn il-politiki monetarji u fiskali filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ il-mandat tal-BĊE, l-indipendenza tiegħu u s-salvagwardja tal-leġittimità demokratika tiegħu; jinnota s-suċċess ta' stabbiliment xieraq u responsabbli taż-żewġ politiki biex jgħinu li jingħata l-appoġġ meħtieġ għall-ekonomiji ta' wara l-COVID-19, l-ewwel waħda billi jiġu ppreservati kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli u t-tieni waħda billi jiġu appoġġati d-ditti, il-ħaddiema u n-nies, filwaqt li tintwera r-rieda ta' dawn il-politiki biex jirrispondu għal din il-kriżi; iqis li l-irtirar prematur tal-politika fiskali għandu jiġi evitat ukoll biex ma jikkontrobattix l-istimolu tal-programm ta' rkupru;

20. Jenfasizza li l-politika monetarja f'dawn l-aħħar snin u kriżijiet ġarret il-piż ewlieni tal-istabbilizzazzjoni; jinnota li l-kriżi kkawżata mill-pandemija wriet li l-istabbilizzazzjoni ma tistax tkun ir-responsabbiltà tal-politika monetarja waħedha u li l-politika fiskali għandu jkollha rwol aktar b'saħħtu; filwaqt li l-kundizzjonijiet monetarji attwali huma akkomodanti u qed jappoġġaw l-irkupru tal-ekonomija fil-kriżi, iwissi kontra d-dipendenza qawwija wisq fuq pożizzjoni ta' politika monetarja akkomodanti u spiża estremament baxxa tad-dejn sovrani;

21. Jenfasizza li l-politiki fiskali nazzjonali, flimkien mal-politiki tal-Unjoni, se jkollhom rwol importanti fit-twertiq tal-impenji u r-responsabbiltajiet tal-Unjoni Ewropea fil-ġlieda globali kontra t-tibdil fil-klima;

22. Jissottolinja li hemm fatturi strutturali bħat-tixjij, tfaddil li qed jiżdied, inflazzjoni baxxa, propensitajiet tal-investment u tnaqqis fil-produttività li jistgħu jżommu r-rati tal-imġhax reali baxxi fuq terminu medju sa twil; iqis li l-politiki makroekonomiċi għandhom jindirizzaw il-fatturi li jirfdu r-riskju tal-istaġnar sekulari permezz ta' riformi bbilanċjati u soċjalment ġusti li jsaħħu t-tkabbir sostenibbli u l-produttività; ifakkar li, fost fatturi oħra, l-istaġnar sekulari huwa tipikament ikkaratterizzat minn tnaqqis fil-forza tax-xoġhol, domanda baxxa, tfaddil eċċessiv u investimenti baxxi;

23. Jisħaq fuq il-ħtieġa li nkunu lesti għal xenarji inqas pożittivi; jinnota li l-impatt tax-xokk tal-COVID-19 żied it-tfaddil u xi għażliet ta' investment ġew posposti; jirrimarka li ladarba r-restrizzjonijiet jittaffew u l-ekonomija tirpilja, ir-rati tal-imġhax jista' jkollhom żieda xprunata minn aspettattivi oġhla ta' inflazzjoni; jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni tal-investimenti pubbliċi u privati biex jiġi żblukkat kapital addizzjonali, speċjalment fil-kuntest tal-irkupru tal-UE;

**Il-Ħamis 8 ta' Lulju 2021**

jissottolinja li mhuwiex biss il-livell ta' investment li huwa importanti għat-tkabbir iżda wkoll l-istabbiliment, il-kwalità u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' investment; jinnota li kien hemm telf sostanzjali ta' investment matul l-aħħar kriżi u jisħaq fuq l-importanza tal-irkupru ekonomiku biex tiżdied il-profitabbiltà tal-investment;

24. Iqis li qafas ta' governanza ekonomika xieraq u kredibbli huwa rekwiżit neċessarju għal politiki fiskali sostenibbli, trajettorji tad-dejn u tad-defiċit li jiżguraw perkorsi kredibbli ta' tnaqqis tad-dejn, billi jippromwovu tkabbir sostenibbli u inklużiv fuq terminu twil filwaqt li jiżguraw kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli, speċjalment fit-tul; iqis ukoll li l-qafas għandu jintegra elementi biex jiġu evitati politiki proċikliċi u jinbnew biżżejjed buffers fi żminijiet tajbin, biex fejn meħtieġ, ikun jista' jwettaq funzjoni ta' makrostabbilizzazzjoni fuq terminu qasir u biex jiżgura governanza mtejba u trasparenti, li min-naħa tagħha tagħmel l-ekonomija taħdem għan-nies;

*Analiżi komprensiva tas-sostenibbiltà tad-dejn sovrani (SDSA)*

25. Jinnota li l-livelli tad-dejn sovrani zdiegħu b'mod konsiderevoli u laħqu kważi 102 % tal-proporzjon tad-dejn aggregat għall-PDG taż-żona tal-euro, b'żieda ulterjuri prevista għall-2021 u l-2022, u li xi Stati Membri diġà akkumulaw legat ta' dejn imdaqqas; jinnota li ċ-ċirkostanzi nbidlu minn meta ġew definiti l-kriterji ta' Maastricht; jenfasizza, għalhekk, li l-qafas ta' governanza ekonomika għandu jiġi rieżaminat fil-kuntest tal-ambjent ekonomiku attwali u, filwaqt li jibni fuq l-esperjenzi tal-qafas eżistenti u jirrispetta bis-sħiħ it-Trattati, għandu jkun ibbażat fuq il-fatti u orjentat lejn il-futur;

26. Iqis li l-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni għandu jiġi rieżaminat biex ir-regoli dwar id-dejn ikunu aktar sempliċi u infurzabbli u mfasla biex jappoġġaw it-tkabbir ekonomiku fuq terminu twil, b'investment pubbliku u privat xieraq;

27. Iqis li qafas ta' governanza ekonomika rieżaminat għandu jikkunsidra kif jista' jiġi żgurat pass speċifiku għall-pajjiż tat-tnaqqis tad-dejn sovrani li jissalvagwardja s-sostenibbiltà fiskali fuq terminu twil u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv; jitlob li l-miri tad-dejn jirriflettu b'mod xieraq ir-realtà ekonomika l-ġdida kif ukoll l-isfidi speċifiċi għall-pajjiż;

28. Iqis li l-assi sikuri Ewropej se jsaħħu l-istabbiltà finanzjarja, itejbu t-trażmissjoni tal-politika monetarja, u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro;

29. Huwa konxju li d-defiċits baġitarji għoljin ħafna fl-2020 u l-2021 u t-telf fil-PDG nominali se jiġu riflessi fil-proporzjonijiet tad-dejn għall-PDG;

30. Jirrikonoxxi li l-ambjent ta' rata tal-imgħax baxxa jnaqqas il-pessjoni fuq il-politika fiskali billi jnaqqas l-ispejjeż tas-servizz tad-dejn sovrani; jinsisti li l-implikazzjonijiet tar-rati tal-imgħax baxxi, il-bidla possibbli fl-ambjent tar-rati tal-imgħax u l-miżuri possibbli futuri tal-politika monetarja għandhom jiġu kkunsidrati kif xieraq fl-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn sovrani fuq terminu medju; jinnota li l-premiums ta' riskju tal-Istati Membri jistgħu jiżdiedu, speċjalment għal pajjiżi b'dejn għoli jew li qed jiżdied u li dan jista' jpoġġi pressjoni addizzjonali fuq il-politika fiskali, kif ukoll fuq l-ekonomija;

31. Jenfasizza li l-ispejjeż tas-servizzi tad-dejn x'aktarx li jibqgħu baxxi għall-futur prevedibbli bis-saħħa ta' sehem kbir tal-piż tad-dejn kopert minn maturitajiet ta' terminu twil u ta' xi bonds b'rendiment negattiv, u defiċits primarji jistgħu jiġu bbilanċjati b'differenzjali favorevoli bejn it-tkabbir u l-imgħax; jinnota li l-istatus pożittiv attwali tal-ispejjeż tas-servizzi tad-dejn jista' jinbidel relattivament malajr, filwaqt li tnaqqis sostenibbli tal-kumulazzjoni tad-dejn sovrani jieħu ħafna aktar żmien; iqis li l-benefiċċju ta' spiża baxxa tas-servizzi tad-dejn huwa opportunità biex jiġu sostnuti u progressivament jtnaqqsu livelli għoljin ta' dejn għal livell sostenibbli, biex tingħata spinta lit-tkabbir potenzjali u biex tiżdied ir-reżiljenza tal-ekonomija;

32. Jirrimarka li hemm problemi strutturali sottostanti għar-rati ta' tkabbir asimmetriku fost l-Istati Membri; iqis li t-tkabbir mhuwiex l-uniku objettiv, peress li l-ħolqien ta' ekonomija li taħdem għan-nies u l-kisba tal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku u l-Ftehim ta' Pariġi jirrikjedu appoġġ ta' politika mmirat, inklużi sforzi fiskali;



33. Ifakkar, minbarra r-riformi, fl-importanza ta' politiki li jsaħħu t-tkabbir u investment privat u pubbliku sostenibbli bil-għan li jżied il-potenzjal tat-tkabbir u jinkisbu l-oġġettivi tal-UE ċċentri madwar it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u li jżiedu l-potenzjal tat-tkabbir, il-kompetittività u l-produttività u li tingħata spinta lis-suq uniku; itenni li l-investment u l-infiq orjentati lejn il-futur għandhom spillovers pożittivi fuq is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju sa twil; jistieden lill-Istati Membri jsegwu politiki fiskali sostenibbli filwaqt li jippreservaw l-investment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u li jappoġġa t-tkabbir;

34. Jistieden lill-Kummissjoni ssegwi analiżi komprensiva u trasparenti tas-sostenibbiltà tad-dejn sovrani (SDSA), sabiex tappoġġa d-deċiżjoni ta' dawk li jfasslu l-politika biex jiġi stabbilit perkors ċar u trasparenti ta' aġġustament xieraq u speċifiku għall-pajjiż; jenfasizza l-użu ta' għodod u tekniki innovattivi bħal testijiet tal-istress u analiżi stokastika biex jiġu riflessi aħjar ir-riskji għad-dinamika tad-dejn pubbliku (bħad-differenzjali tat-tkabbir tal-imgħax, il-kompożizzjoni tad-dejn, id-demografija u s-sostenibbiltà) u l-kwalità tan-nefqa pubblika;

#### *Qafas ta' koordinazzjoni tal-politika fiskali tal-UE*

35. Jistieden lill-Kummissjoni biex matul il-proċess ta' rieżami tirrifletti dwar ir-rwol tal-politika fiskali fl-ekonomija Ewropea filwaqt li tindirizza n-nuqqasijiet diġà identifikati fil-qafas fiskali tal-UE qabel it-tifqigħa <sup>(29)</sup>, anke fid-dawl tal-legati tal-pandemija;

36. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta kif tista' tippromwovi s-sostenibbiltà fiskali u r-regoli kontroċikliċi, u tikkunsidra li tissimplifika l-qafas u ttejjeb l-awtonomija tal-Kummissjoni fl-infurzar tar-regoli f'qafas aktar responsabbli b'sens ta' appartenenza aktar b'saħħtu; jappella wkoll għal mekkaniżmi ta' flessibbiltà definiti sew u li jiskattaw b'mod trasparenti kull meta din il-flessibbiltà tkun iġġustifikata sewwa billi jiġu żgurati effikaċja u kredibbiltà akbar; jenfasizza l-importanza ta' qafas li jiżgura l-koordinazzjoni tal-politika fiskali, iqis il-bidliet fl-ekonomiji u l-kundizzjonijiet tal-finanzjament u jikkunsidra l-ispeċifitajiet u l-oġġettivi strateġiċi tal-Istati Membri; iqis, barra minn hekk, li l-qafas tal-UE għall-koordinazzjoni tal-politika fiskali għandu jippermetti l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli u inklużiv fit-tul tal-UE, filwaqt li jippreserva s-salvagwardji kontra r-riskju għas-sostenibbiltà tad-dejn;

37. Jinnota l-proposta tal-EFB li l-qafas fiskali tal-UE għandu jerġa' jinbena mill-ġdid fuq tliet prinċipji: (i) ankra tad-dejn – jiġifieri oġġettiv tal-proporzjon tad-dejn u perkors ta' tnaqqis fl-aġġustament speċifiku lejn għal kull pajjiż, (ii) indikatur uniku tal-prestazzjoni fiskali – jiġifieri regola tal-infiq għall-pajjiżi b'dejn li jaqbeż l-oġġettiv tal-proporzjon tad-dejn, u (iii) klawżola liberatorja ġenerali sostnuta minn opinjoni abbażi ta' analiżi u pariri indipendenti;

38. Jirrimarka l-ħtieġa ta' perkors ta' aġġustament tad-dejn realistiku u mfassal b'mod trasparenti speċifikament għal kull pajjiż sabiex ikun adattat aħjar għar-realtajiet tal-pajjiżi u jirrifletti l-livell ta' sostenibbiltà tad-dejn tal-Istati Membri;

39. Iqis li, bi qbil mal-proposta tal-EFB, regola tal-infiq b'limitu massimu <sup>(30)</sup> fuq in-nefqa pubblika nominali meta d-dejn pubbliku ta' pajjiż jaqbeż ċertu livell tista' tipprovdi regoli fiskali aktar trasparenti fl-UE; iqis li r-rata tat-tkabbir tal-limitu massimu tkun tiddependi mit-tkabbir fl-output potenzjali mistenni, l-inflazzjoni prevista u d-distanza mill-ankra tad-dejn; jinnota li l-ispejjeż għas-servizzjar tad-dejn u l-pagamenti tal-benefiċċji tal-qgħad (b'rati fissi) huma esklużi u t-tkabbir fin-nefqa jkun aġġustat għall-impatt tal-bidliet diskrezzjonali fid-dħul tal-gvern (i.e. taxxi diretti u indiretti);

<sup>(29)</sup> Il-Bord Fiskali Ewropew (2018), Rapport Annwali 2018, Settembru, l-EFB u l-Bord Fiskali Ewropew (2020), Rapport Annwali 2020, Settembru.

<sup>(30)</sup> Limitu massimu f'fissat għal 3-5 snin li jkun jiddependi mit-tkabbir fl-output potenzjali mistenni, l-inflazzjoni prevista u d-distanza mill-ankra tad-dejn.

**Il-Ħamis 8 ta' Lulju 2021**

40. Jinnota li perkors speċifiku għal kull pajjiż b'sens ta' appartenenza min-naħa tal-Istati Membri jsaħħaħ il-kredibbiltà u jtejjeb l-osservanza tar-regoli min-naħa tagħhom; jinnota wkoll li l-perkors speċifiku għal kull pajjiż għandu jirriżulta minn analiżi ekonomika trasparenti u komprensiva u diskussjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, li matulha tista' tiġi prevista konsultazzjoni mal-EFB u l-Istituzzjonijiet Fiskali Indipendenti (IFIs) nazzjonali jekk ikun il-każ;

41. Jissottolinja li r-regoli tal-infiq għandhom proprjetajiet ta' stabilizzazzjoni awtomatika inerenti<sup>(31)</sup>; jinnota li r-regoli tal-infiq taw prova ta' aktar effikaċja fit-tnaqqis tal-preġudizzji ta' proċikliċità tal-politika fiskali<sup>(32)</sup>; jisħaq fuq l-importanza tal-istabbilizzaturi awtomatiċi quddiem inċertezzi dejjem akbar; jinnota wkoll ir-rakkomandazzjoni tal-EFB biex jinħoloq kont ta' kumpens li fih jiġu akkumulati devjazzjonijiet mit-tkabbir ippanat fin-nefqa primarja netta;

42. Jirrimarka li l-metrika fil-qalba tal-qafas ta' governanza ekonomika trid tkun faċilment osservabbli u kontrollabbli minn min jieħu d-deċizzjonijiet fl-ambitu politiku sabiex tiżdied it-trasparenza u l-komprensibbiltà kemm għal dawk li jfasslu l-politika kif ukoll għall-pubbliku; jinnota li kunċetti bħall-analiżi tad-distakk fl-output ma jissodisfawx dawk il-kriterji; jissottolinja li, fil-perjodu ta' wara l-kriżi, l-inċertezza dwar id-distakk fl-output se tkun saħansitra akbar milli kienet fil-passat; isostni li filwaqt li t-tkabbir fl-output potenzjali ma jistax jiġi osservat u jrid jiġi stmat, huwa inqas suxxettibbli għal revizzjonijiet meta mqabbel mad-distakk fl-output;

43. Jipproponi, bi qbil mal-EFB, klawżola liberatorja ġenerali li, f'każ ta' żviluppi ekonomiċi imprevisti, tiġi rrikmandata mill-Kummissjoni u deċiża mill-Kunsill u li jista' jkollha s-sostenn ta' opinjoni bbażata fuq analiżi ekonomika indipendenti u definita sew sabiex titnaqqas il-kumplessità u tiġi ppreservata l-kapaċità li tittieħed azzjoni f'każ ta' ċirkustanzi imprevedibbli; jenfasizza, madankollu – jekk ikun involut korp indipendenti – il-bżonn ta' kjarifika ulterjuri dwar il-kompożizzjoni tal-korp indipendenti sabiex tiġi żgurata l-oġġettività fil-ġudizzju għar-regoli, li jiżgura l-indipendenza tiegħu u jiggwarantixxi li ma jkunx hemm dewmien fil-proċess;

44. Jissottolinja li meta l-finanzi pubbliċi jiġu taħt pressjoni, hemm it-tendenza li jitnaqqas l-investiment tal-gvern; jinnota li l-isfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali attwali fl-UE jirrikjedu sforzi mmirati partikolarment b'rabta mar-reżiljenza soċjali, it-tibdil fil-klima u d-diġitalizzazzjoni; jenfasizza l-importanza tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE biex il-gvernijiet ikunu jstgħu jiproteġu l-investimenti pubbliċi mingħajr ma jipperikolaw is-sostenibbiltà tad-dejn; jissottolinja li jridu jsiru aktar sforzi biex titjeb il-kwalità tal-finanzi pubbliċi; jitlob li r-rieżami tal-qafas jinkludi enfasi akbar fuq il-kwalità tad-dejn; jenfasizza li l-kwalità tal-finanzi pubbliċi ttejjeb is-sostenibbiltà tad-dejn fit-tul tal-pajjiż u ssaħħaħ il-potenzjal ta' tkabbir fit-tul;

45. Jissottolinja l-fehma tal-EFB li parti min-nefqa li ttejjeb it-tkabbir delineata ċar tkun eskluża mil-limitu massimu ta' tkabbir fin-nefqa primarja netta;

46. Jenfasizza li d-dħul tal-gvern huwa parti importanti mis-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u l-istabbiltà tiegħu tista' tgħin biex tiġi żgurata strateġija kredibbli għat-tnaqqis tad-dejn sovrani; jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex ikomplu jindirizzaw il-frodi, l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa, kif ukoll il-ħasil tal-flus; itenni li azzjonijiet effikaċi f'dan il-qasam min-naħa tal-Istati Membri jrawmu l-fiduċja fil-governanza tal-finanzi pubbliċi; jinnota l-ħtieġa li tiġi żgurata politika ta' nfiq responsabbli biex tiġi evitata l-pressjoni biex jiżdiedu t-taxxi;

47. Jinnota li l-EFB kien sostenitur kbir tal-introduzzjoni ta' kapaċità fiskali komuni fil-livell Ewropew, billi din toħloq inċentivi għal aktar konformità mar-regoli fiskali tal-UE; jinnota wkoll li din l-opinjoni ġiet kondiviża minn istituzzjonijiet oħra bħall-Fond Monetarju Internazzjonali u l-BĊE;

<sup>(31)</sup> Il-valutazzjoni tar-regoli fiskali tal-UE min-naħa tal-EFB b'enfasi fuq il-leġislazzjoni "six-pack" u "two-pack": "il-limitu massimu tan-nefqa primarja netta għandu proprjetà ta' stabilizzazzjoni awtomatika inerenti: meta l-output attwali jikber aktar bil-mod milli bir-rata tax-xejra tal-output potenzjali, it-tkabbir fin-nefqa primarja netta jaqbeż dan tal-aħħar, filwaqt li proporzjon akbar tan-nefqa mal-PDG jgħin biex l-ekonomija tistabbilizza ruħha; viċi versa, meta l-PDG attwali jikber b'rata aktar mgħaġġla mix-xejra, ikun hemm tnaqqis fl-infiq nett bħala sehem mill-PDG."

<sup>(32)</sup> Manescu, C., Bova, E. (2021), Effectiveness of national expenditure rules: Evidence from EU member states.

48. Jilqa' l-inizjattivi NGEU u SURE; jenfasizza li l-NGEU huwa ffinanzjat permezz ta' ħruġ ta' dejn iggarantit mill-baġit tal-UE; jissottolinja li d-dejn maħruġ mill-UE <sup>(33)</sup> se jforni provvista ġdida ta' assi Ewropej sikuri u ta' kwalità għolja; jistieden lill-Kummissjoni tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tal-Pakkett għall-Irkupru u l-istrument SURE biex ittejjeb il-konverġenza bejn l-Istati Membri, tippromwovi l-politiki tal-UE u tnaqqas il-vulnerabbiltà tal-UE għax-xokkijiet ekonomiċi; jinnota li l-istrumenti NGEU u SURE attwali tfasslu biex ikunu temporanji u jenfasizza l-importanza ta' pjan trasparenti biex jitħallas lura d-dejn li jirriżulta mill-bonds NGEU u SURE;

#### *Sorveljanza tal-iżbilanċi makroekonomiċi*

49. Jenfasizza l-importanza tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) fid-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-indirizzar tal-iżbilanċi makroekonomiċi fl-UE; jieħu nota tal-konklużjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri <sup>(34)</sup> li, għalkemm il-mekkaniżmu tal-MIP huwa ġeneralment imfassal tajjeb, il-potenzjal tiegħu għadu ma ġiex sfruttat b'tali mod li jiżgura l-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi b'mod effikaċi; jinnota wkoll li l-klassifikazzjoni tal-Istati Membri bi żbilanċi hija nieqsa mit-trasparenza, hemm nuqqas ta' għarfien dwar il-proċedura u l-implikazzjonijiet tagħha fost il-pubbliku, u r-rakkomandazzjonijiet ma jippromwovux biżżejjed l-azzjonijiet politiċi li jridu jittieħdu biex jiġu indirizzati dawk l-iżbilanċi, partikolarment fiż-żona tal-euro;

50. Jitlob użu aktar effikaċi tar-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (AMR), filwaqt li jieħu nota tar-reviżjoni teknika tat-tabella ta' valutazzjoni tal-MIP min-naħa tal-Kummissjoni u jilqa' l-analiżi dettaljata u komprensiva li tirded ir-rapport; jinsisti li t-tabella ta' valutazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku trid tkun iffukata u razzjonalizzata fuq indikaturi u limiti sinifikattivi li jiddefinixxu b'mod aktar ċar l-iżbilanċi fiż-żona tal-euro u tkun ukoll ibbażata fuq id-data u trasparenti; ifakkar li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi jikkostitwixxu gwida progressiva indirizzata lill-Istati Membri; iqis li trid tinkiseb konformità akbar mar-rakkomandazzjonijiet simplifikati u li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rilevanti għall-MIP għandhom ikunu ffukati fuq azzjonijiet politiċi li jista' jkollhom impatt dirett fuq l-iżbilanċi u jkunu konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro jekk ikun il-każ;

51. Iqis li ċ-ċarezza u l-konsistenza fir-rigward tal-interazzjoni bejn l-MIP u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huma kruċjali biex jiġi żgurat li l-oġġettivi tagħhom jintlaħqu;

52. Jesprimi l-appoġġ tiegħu, f'dan ir-rigward, għall-proposti tal-EFB biex, fid-determinazzjoni tar-regola tal-infiq imsemmija hawn fuq, jiġu inkorporati kunsiderazzjonijiet mill-MIP biex, abbażi ta' ftehim reċiproku, pajjiżi b'defiċits għoljin fil-kont kurrenti jkollhom limitu massimu aktar baxx għall-miri tal-infiq tagħhom, filwaqt li pajjiżi b'surplus estern eċċessiv ikollhom limitu minimu oġġla għar-rata ta' tkabbir fin-nefqa;

53. Jitlob involviment akbar min-naħa tal-awtoritajiet makroprudenzjali – biex l-iżbilanċi makroekonomiċi jiġu identifikati aħjar minn perspettiva makroprudenzjali – kif ukoll min-naħa tal-kunsilli nazzjonali inkarigati mill-produttività, sabiex tiżdied il-komprensjoni komuni tal-iżviluppi makroekonomiċi fil-proċess tal-MIP;

#### **Governanza**

54. Jissottolinja l-importanza tal-qafas istituzzjonali tal-UE u tal-metodu komunitarju għall-iffissar u l-infurzar effikaċi tar-regoli kif ukoll għall-ħarsien u t-titjib ta' sens b'saħħtu ta' appartenenza politika u responsabbiltà, u jenfasizza li sens dgħajjef ta' appartenenza politika jew responsabbiltà fil-livell nazzjonali jżid in-nonkonformità;

55. Jišhaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-leġittimità demokratika, ir-responsabbiltà u l-iskrutinju tal-qafas tal-governanza ekonomika; jemmen li biex jittejjeb is-sens ta' appartenenza, ir-responsabbiltajiet iridu jiġu assenjati fil-livell li fi h jittieħdu jew jiġu implimentati d-deċiżjonijiet, fejn il-parlamenti nazzjonali jeżaminaw bir-reqqa l-gvernijiet nazzjonali u l-Parlament Ewropew jagħmel skrutinju bir-reqqa tal-organi eżekuttivi Ewropej; jenfasizza, għalhekk, ir-rwol tal-istituzzjonijiet u jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat bilanċ xieraq tar-responsabbiltajiet bejn l-istituzzjonijiet differenti fl-implimentazzjoni tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE;

<sup>(33)</sup> Bonds NGEU u SURE.

<sup>(34)</sup> Rapport Speċjali Nru 03/2018: Awditu tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP), Qorti Ewropea tal-Awdituri.

**Il-Ħamis 8 ta' Lulju 2021**

56. Ifakkar li s-Semestru Ewropew huwa qafas stabbilit sewwa għall-koordinazzjoni tal-politiki baġitarji, ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi fl-Unjoni Ewropea kollha u jsostni l-għanijiet perpetwi tal-UE, jiġifieri dawk ta' tkabbir sostenibbli, finanzi pubbliċi sostenibbli u konverġenza 'l fuq; jinnota li s-Semestru, minn meta nħoloq, twessa' biex jinkludi, fost aspetti oħra, kwistjonijiet relatati mas-settur finanzjarju u t-tassazzjoni, kif ukoll l-oġettivi tal-SDGs tan-NU; jinnota li sabiex tkompli tissaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika u soċjali, l-UE trid ttwettaq il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; ifakkar li l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli tfisser il-promozzjoni ta' politiki fiskali mmirati lejn pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u l-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali fuq l-istess tul ta' żmien, il-promozzjoni ta' riformi strutturali soċjalment ġusti, it-tiżiħ tal-investment biex tingħata spinta lill-potenzjal tat-tkabbir u l-appoġġ għal tranżizzjoni inklużiva lejn ekonomija sostenibbli u diġitali; jenfasizza l-importanza ta' kollaborazzjoni aktar b'saħħitha fil-koordinazzjoni tal-politika bejn il-ministri tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali u l-ministri tal-finanzi, partikolarment fiż-żona tal-euro; jinnota li l-kunċett tas-Semestru Ewropew ġie introdott bir-Regolament (UE) Nru 1175/2011, li huwa parti mir-rieżami tal-governanza ekonomika tal-UE, u li jntlaqghu proposti min-naħa tal-Kummissjoni dwar kif jista' jittejjeb il-proċess tas-Semestru;

57. Jirrimarka li n-nuqqas ta' sens ta' appartenenza kien fost id-dgħufijiet ewlenin tas-Semestru Ewropew; jinnota li d-disinn ta' dan il-qafas irid jinkludi sett ta' oġettivi u gwida fit-tul fil-livell tal-UE li jikkoordinaw għażliet ta' politika li jirriflettu b'mod xieraq il-bżonnijiet u l-prijoritajiet nazzjonali msejsa fuq djalogu politiku miftuħ u inklużiv bejn l-UE u l-istituzzjonijiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati; jemmen li l-esperjenza tal-istruttura ta' governanza tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza toffri opportunità kbira biex din tintuża għat-trawwim ta' sens ta' appartenenza fil-livell nazzjonali, il-promozzjoni tal-għanijiet strateġiċi tal-UE, it-tkabbir sostenibbli u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi;

58. Jitlob li l-Parlament Ewropew ikun involut b'mod xieraq fil-proċess tas-Semestru Ewropew; jenfasizza l-importanza ta' dibattitu sħiħ fid-definizzjoni tal-għanijiet ġenerali u l-linji gwida;

59. Ifakkar li l-Ftehim dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet itenni li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill – bħala koleġislaturi – għandhom jeżerċitaw is-setgħat taġġornar fuq l-istess livell u li l-Kummissjoni għaldaqstant trid tittrattahom it-tnejn indaqs, u jenfasizza r-rwol u r-responsabbiltà tal-parlamenti nazzjonali; jirrimarka li, skont l-Artikoli 121 u 126 TFUE, il-Parlament Ewropew la jista' jiskrutinizza u lanqas jemenda r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kunsill fil-qafas tas-Semestru Ewropew;

60. Jitlob skrutinju demokratiku aktar rigoruż fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali biex il-gvernijiet nazzjonali jinżammu responsabbli; jenfasizza li sens ta' appartenenza jew responsabbiltà nazzjonali aktar b'saħħtu jwassal għal livell ogħla ta' konformità; jappella biex tkompli tiġi żviluppata l-kooperazzjoni interparlamentari, inkluża l-konferenza prevista fl-Artikolu 13 tal-Patt Fiskali, b'tali mod li jkun jistgħu jsiru diskussjonijiet sostanzjali u f'waqthom meta jkun hemm bżonn;

61. Jirrikonoxxi l-importanza tad-djalogu makroekonomiku tal-UE biex jissaħħaħ is-sens ta' appartenenza u tittejjeb il-koordinazzjoni tal-politika, u jitlob, għalhekk, li jingħata spinta għida permezz ta' djalogu fil-livell taż-żona tal-euro u f'dak nazzjonali mar-rappreżentanti tal-gvern, il-federazzjonijiet ta' min iħaddem u t-trade unions u li jiġu previsti skambji fiż-żewġ livelli mal-banek ċentrali;

62. Ifakkar li, f'konformità mal-leġiżlazzjoni, il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-President tal-Kunsill, il-Kummissjoni u, jekk ikun xieraq, lill-President tal-Kunsill Ewropew jew il-President tal-Grupp tal-Euro biex jidhru quddiem il-kumitat ikkonċernat, u l-istess jgħodd għall-Istati Membri li jkunu soġġetti għal proċedura ta' governanza ekonomika speċifika;

63. Jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-oġettivi ambjentali skont l-impjenji tal-UE dwar il-klima, l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli; jappella b'urġenza lill-Kummissjoni u l-Kunsill Ewropew biex iqisu dawn l-impjenji fil-governanza ekonomika tal-Unjoni; jappella biex it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali titqies bis-sħiħ għall-finijiet ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-prinċipji tal-Pilastru; jieħu nota tal-inizjattiva tal-Kummissjoni li biha kkonfermat li t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta se tkun parti mill-qafas ta' koordinazzjoni tal-politika fil-kuntest tas-Semestru Ewropew; jinnota li l-mexxejja tal-UE laqgħu l-proposta konġunta tas-sħab soċjali Ewropej għal sett alternattiv ta' indikaturi biex jitkejjel il-progress ekonomiku, soċjali u ambjentali, li jissupplimentaw l-PDG bħala miżura ta' benessri għal tkabbir inklużiv u sostenibbli; jitlob li t-tabelli ta' valutazzjoni jkunu riflessi aħjar fir-rakkomandazzjonijiet politiċi;

64. Iqis li l-allinjament tal-politiki fiskali nazzjonali mal-impenji tal-UE skont il-Ftehim ta' Pariġi għandu jkun prijorità u li l-kunċett ta' sostenibbiltà kompetittiva u l-erba' assi tiegħu, identifikati fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2020, għandhom ikomplu jkunu l-prijoritajiet ġenerali tal-istrateġija tal-UE għal tkabbir fit-tul bi qbil mal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jinnota li l-klima għib magħha riskji reali u severi għas-sostenibbiltà tal-politiki fiskali tal-Istati Membri;
65. Jaqbel mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fis-Semestru Ewropew jirrikjedu disinn u implimentazzjoni aħjar<sup>(35)</sup>; jissuġġerixxi li r-rakkomandazzjonijiet politiċi jkunu mmirati aħjar, b'objettivi politiċi speċifiċi għal kull pajjiż fuq perjodu qasir u twil;
66. Jilqa' t-titjib sinifikanti fir-rwol tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti fil-proċess baġitarju nazzjonali, li jsaħħaħ it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-politika fiskali kemm permezz tal-monitoraġġ kif ukoll permezz ta' analiżi indipendenti; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex iwettqu l-mandati u l-kompiti tagħhom u jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li dawn l-istituzzjonijiet jagħtu rendikont lill-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali, skont il-każ;
67. Jissottolinja li, għal infurzar aħjar, kull Stat Membru għandu jistinka favur sens ta' appartenenza b'saħħtu fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet relatati mal-politika ekonomika u li, f'dan il-kuntest, għandu jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn appoġġ bejn il-pari, pressjoni mill-pari, inċentivi u diżinċentivi;
68. Jilqa' l-adozzjoni tal-ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar riżorsi proprja ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprja ġodda;
69. Jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti aktar dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' aġġustament makroekonomiku, partikolarment il-bżonn li jkomplu jiżiedu t-trasparenza, s-sens ta' appartenenza u r-responsabbiltà demokratika tal-proċess deċiżjonali, bl-involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u tal-Parlament Ewropew; ifakkar lill-Kummissjoni u l-Kunsill, f'dan ir-rigward, fil-pożizzjoni li adotta fil-plenarja b'rabta mar-Regolament (UE) Nru 472/2013;
70. Jinnota li l-Istati Membri li joħorġu minn programm ta' aġġustament makroekonomiku jkunu wkoll taħt sorveljanza msaħħa fis-Semestru Ewropew u, meta rilevanti, jista' jsirillhom rieżami fil-fond;
71. Jinnota li l-Grupp tal-Euro u s-Summit tal-Euro jikkostitwixxu fora ta' diskussjoni informali fl-ambitu tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (Ecofin); jistieden lill-Istati Membri joperaw fil-kuntest tal-qafas Komunitarju, li jiżgura r-rwol tal-Parlament Ewropew bħala koleġiżlatur u d-dritt tiegħu għal sorveljanza demokratika;
72. Jappella biex il-Grupp tal-Euro jkun soġġett għal regoli ta' proċedura li jtejbu t-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet u r-responsabbiltà demokratika; jitlob ftehim reċiproku bejn il-Grupp tal-Euro u l-Parlament Ewropew dwar kif dawn l-objettivi jistgħu jintlaħqu bl-aħjar mod; jissottolinja l-importanza ta' mekkaniżmi li, permezz tagħhom, l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jkunu jistgħu jieħdu sehem fid-diskussjoni, meta jkun il-każ;
73. Jenfasizza l-hteġa li l-qafas deċiżjonali tal-governanza ekonomika tal-UE jopera skont il-metodu Komunitarju;
74. Jisħaq fuq l-importanza ta' dibattitu dwar il-governanza ekonomika maċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali, kif ukoll ma' firxa ta' partijiet ikkonċernati fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali bħala parti mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa; jidentifika, f'dan ir-rigward, il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa bħala forum li fih tista' tiġi kkunsidrata aktar leġittimità demokratika permezz ta' involviment akbar tal-Parlament Ewropew bħala forum pubbliku u demokratiku għad-definizzjoni u l-infurzar ta' regoli komuni tal-UE dwar il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika;
- o  
o o
75. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Grupp tal-Euro, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

<sup>(35)</sup> Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.